MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru. 348/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Silvio Valletta )**
**(Spt. James Grech)**
**vs**
**Mark Scerri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Scerri** ta' 28 sena, iben Joseph u Maria Rosaria xebba Thomas, imwieled Pieta nhar l-1 t'April 1977, residenti 'Redentur' Triq il-Qaliet, M'Scala u detentur tal-karta ta' l-identita' 178977M;

a) Akkuzat talli fit-8 t'Awwissu, 2003 f'xi hin wara nofsinhar f'Haz-Zabbar ikkomettejt serq ta' diversi oggetti u flus minn fond 'Profiles Beauty Salon' sitwat fi Triq is-Santwarju, liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta' Scicluna Joseph minn Haz-Zabbar;

b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

c) Aktar talli ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt zewg provedimenti ta' Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta (llum Art 7 tal-Kap 446) b'sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 18 ta' Lulju 2002 u 25 t'April 2003, liema sentenzi huma defenitivi u ma jistghux jigu mibdula, fejn int kont gejt misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin u fi zmien sentejn (2) rispettivament;

d) Aktar talli ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ksrit il-provediment ta' Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta (llum Art 22 tal-Kap 446) b'sentenza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta' Novembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma' tistax tigi mibdula, fejn int kont misjub hati u liberat that kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

e) Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex tkun adoperata procedura sommarja fis-smiegh tal-kawza kontra tieghu;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2014;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat minn fejn jirrizulta illi l-Qorti, diversament preseduta, gia trattat mal-imputat dwar l-akkuzi (c) u (d) dwar kommissjoni ta' rejat waqt ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata;

Semghet s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena kif ukoll lill-prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni akkuza hija wahda kompriza u involuta;

Rat illi l-imputat radd lura l-valur tal-oggetti misruqa;

L-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi mill-esperti nominati minn din il-Qorti u mill-Qorti Istruttorja fin-nomina ta’ esperti;

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------